Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Citazzjoni Numru. 1070/1995/1

**John u Maria Concetta konjugi Tabone**

**vs**

**Prof Dott John Mamo u Dott Andrew Muscat fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tas-socjeta Meridian Enterprises Company Limited ghan-nom u in rappresentanza tal-istess kif debitament awtorizzati u b'nota tat-30 ta' Jannar 1996 Alfred Formosa assuma l-atti ta' din il-kawza minflok l-Profs John Mamo u Dr Andrew Muscat billi ghandu ir-rappresentanza guridika tas-socjeta konvenuta**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi huma xtraw karozza Hyundai Scoupe, numru ta' registrazzjoni S-0021(M), fil-11 ta' Ottubru 1994;

Illi din il-karozza zviluppat hsarat u difetti fis-sistema tal-brakes taghha ftit granet wara l-akkwist tant li kienet il-kawza ta' incident awtomobilistiku li gara fis-17 ta' Dicembru 1994;

Illi din il-karozza ddahhlet diversi drabi fil-garage tal-konvenuti nomine ghat-tiswija stante l-istess diffetti, fuq is-sistema tal-brakes, u cioe fit-28 ta' Ottubru 1994, fil-11 ta' Novembru 1994, fid-19 ta' Dicembru 1994, fis-27 ta' Jannar 1995 u fil-15 ta' Mejju 1995;

Illi dawn id-difetti fis-sistema tal-brakes kellhom jigu rrangati b'mod permanenti mis-socjeta konvenuta stante l-garanzija ta' tlett snin fuq il-bejgh tal-karozza;

Illi dawn id-difetti mhux biss ma gewx irrangati imma kienu l-kawza ta' l-incident awtomobilistiku li gara fis-17 ta' Dicembru 1994 meta bin l-attur Sean Tabone kien qed isuq il-karozza fuq imsemmija f'Portes des Bombes, Furjana ghall-habta tas-1.30pm meta marrulu l-brakes u baqa' diehel go karozzin;

Illi l-karozza imsemmija ghadha taht il-garanzija ta' tlett snin u a tenur ta' din il-garanzija s-socjeta' konvenuta mhux biss hija responsabbli ghad-danni kollha li l-atturi soffrew minhabba d-difetti li l-karozza taghhom kellha imma wkoll huma responsabbli ghad-danni li soffrew b'konsegwenza tal-incident awtomobilistiku fuq imsemmi;

Illi l-atturi interpellaw lill-konvenuti nomine diversi drabi biex jersqu ghal-likwidazzjoni tad-danni minnhom sofferti pero' baqghu inadempjenti;

Ghalhekk la-atturi talbu li l-konvenuti nomine, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna w ghar-ragunijiet premessi, jgidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-karozza Hyundai Scoupe S-0021 (M) propjeta' ta' l-atturi hija taht garanzija ta' tlett snin u cioe li tiskadi fil-11 ta' Ottubru 1997;

2) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-karozza Hyundai Scoupe S-0021(M) kellha difetti fis-sistema tal-brakes u li ddahhlet ghat-tiswija ghand il-konvenuti nomine u cioe fit-28 ta' Ottubru 1994, fil-11 ta' Novembru 1994, fid-19 ta' Dicembru 1994, fis-27 ta' Jannar 1995 u fil-15 ta' Mejju 1995;

3) tiddikjara u tiddeciedi illi fil-gurnata tal-incident awtomobilistiku tas-17 ta' Dicembru 1994 il-karozza numru ta' registrazzjoni S-0021(m) kienet kolpita bid-difett fis-sistema tal-brakes u ghalhekk l-incident awtomobilistiku gara unikament b'konsegwenza ta' dan id-difett kif fuq imsemmi, u kwindi hija s-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi in segwitu ghal dan l-incident;

4) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-incident awtomobilistiku tas-17 ta' Dicembru 1994 bejn il-karozza S-0021(m) u karozzin f'Portes des Bombes, Furjana u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

5) konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-atturi d-danni minnhom sofferti kif fuq intqal;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' diversi ittri legali w bl-ingunzjoni tal-konvenuti nomine ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermtaa bil-gurament u l-ista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-ecezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gioe eccepit :-

1. Illi jidher car mill-premessi tac-citazzjoni mid-dikjarazzjoni annessa maghha, kif ukoll mill-ewwel talba ta' l-atturi (li ghalihom huma subordinati t-talbiet l-ohra kollha) illi l-azzjoni attrici hija bbazata unikament fuq il-

garanzija tal-karozza in kwistjoni. In vista tal-fatt illi din il-garanzija ma tikkontemplax, u di piu’ teskludi responabilta tas-socjeta konvenuta ghad-danni li qed jintalbu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes;

2. Minghajr pregudizzju it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress illi l-karrozza in kwistjoni ma kellha ebda difett u kwalunkwe manutenzjoni li saret fuqha kienet wahda normali u saret skond is-sengha u l-arti;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Gunju 1997 li bih Joseph Zammit gie nominat bhala espert tekniku bil-fakoltajiet kollha soliti;

Semghet lill-attur u lix-xhieda prodotti mill-atturi;

Rat ir-rapport tal-imsemmi espert tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tad-29 ta’ Jannar 2001;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-atturi jippremettu li fil-11 ta’ Ottubru 1994 huma xtraw minnghand is-socjeta konvenuta karozza tal-marka Hyundai Scoupe numru ta’ registrazzjoni S-0021(M). Jiipremettu ukoll li l-imsemmija karozza, ftit granet wara l-akkwist, zviluppat hsarat u difetti fis-sistema tal-brakes u dawn il-hsarat kienu l-kawza ta’ incident awtomobilistiku li sehh fis-17 ta’ Dicembru 1994. Minhabba f’hekk l-istess karozza ddahlet diversi drabi fil-garage tas-socjeta konvenuta ghat-tiswija. L-atturi jippretendu li s-sistema tal-brakes kella tigi rrangata b’mod permanenti in vista tal-garanzija ta’ tlett snin fuq il-bejgh tal-istess karozza. L-atturi jkomplu jippremettu li dawn id-difetti mhux biss ma

gewx irrangati imma kienu l-kawza ta’ l-imsemmi incident awtomobilistiku li fih bin l-attur Sean Tabone kien qed isuq il-karozza in kwestjoni f’Portes des Bombes, Furjana ghall-habta tas-1.30pm meta marrulu l-brakes u baqa’ diehel go karozzin. L-atturi jippretendu li l-karozza ghadha taht il-garanzija ta’ tlett snin u a tenur ta’ din il-garanzija s-socjeta’ konvenuta mhux biss hija responsabbli ghad-danni kollha li l-atturi soffrew minhabba l-imsemmija difetti imma wkoll huma responsabbli ghad-danni li soffrew b’konsegwenza tal-incident awtomobilistiku fuq imsemmi;

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-imsemmija karozza hi taht garanzija ta’ tlett snin li tiskadi fil-11 ta’ Ottubru 1997 u li jigi dikjarat li l-istess karozza kellha difetti fis-sistema tal-brakes u li ddahhlet ghat-tiswija ghand is-socjeta konvenuta diversi drabi u li jigi dikjarat li fil-gurnata tal-incident awtomobilistiku tas-17 ta’ Dicembru 1994 il-karozza in kwestjoni kienet kolpita bid-difett fis-sistema tal-brakes u ghalhekk l-incident awtomobilistiku gara unikament b’konsegwenza ta’ dan id-difett u kwindi hija s-socjeta’ konvenuta unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi in segwitu ghal dan l-incident. Is-socjeta attrici qed titlob ukoll li jigu liwidati d-danni kollha sofferti mill-atturi b’konsegwenza tal-imsemmi incident awtomobilistiku u konsegwentement li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu lill-atturi d-danni minnhom sofferti;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta qed teccepixxi li l-azzjoni attrici hija bbazata unikament fuq il-garanzija tal-karozza in kwistjoni u din il-garanzija ma tikkontemplax, anzi teskludi, r-responabilta tas-socjeta konvenuta ghad-danni li qed jintalbu. Teccepixxi ukoll li l-karrozza in kwistjoni ma kellha ebda difett u kwalunkwe manutenzjoni li saret fuqha kienet wahda normali u saret skond is-sengha u l-arti;

F’dawn il-proceduri gie nominat perit tekniku. Il-perit tekniku kkonsidra li l-atturi xtraw il-karozza in kwestjoni gdida minghand is-socjeta konvenuta fit-28 t’Ottubru 1994. Huwa kkonsidra li kwazi mill-ewwel l-atturi lmentaw dwar difetti li seta kien hemm fis-sistema tal-brakes u difatti l-karozza ddahlet diversi drabi fil-garage tas-socjeta

konvenuta ghat-tiswija. L-atturi xorta wahda komplew jilmentaw dwar l-imsemmija hsarat. L-atturi qed jallegaw ukoll li l-incident stradali imsemmi fic-citazzjoni sehh kawza tal-malfunzjonament tal-brakes;

Lill-perit tekniku rrizultalu li diversi partijiet mis-sistema tal-brakes inbidlu pero' ma jirrizultax li sar xi bdil jew xi riparazzjonijiet fuq il-brakes ta' wara, hlief li giet mibdula l-parti maghrufa bhala compensator. Irrizultalu ukoll li meta l-vettura tigi misjuqa fuq certu speed il-brakijiet ta' wara ma jifunzjonawx sew tant li l-vettura tibqa titkaxkar fuq ir-roti ta' quddiem biss. Ghalhekk il-perit tekniku kkonkluda li l-vettura hi difettuza fis-sistema tal-brejkijiet taghha u specifikament il-brakes ta' wara li ma jorbtux sewwa, u di piu ma jorbtux ugwali bhal ma jorbtu dawk ta' quddiem. Il-perit tekniku kkonkluda ukoll li x-xogholijiet li saru fuq is-sistema tal-brakes tal-vettura ma sarux fil-brakes ta' wara mentri d-difett kien appuntu jinvolvi l-brakes taz-zewg roti ta' wara. Il-perit tekniku kkonkluda ukoll li l-fatt li setghu nbiddlu r-roti bl-ebda mod ma jeffettwa l-funzjonament tal-brakes;

Bazikamemnt hi l-opinjoni tal-abbli perit tekniku li l-vettura in kwestjoni hi difettuza fis-sistema tal-brejkijiet taghha u specifikament il-brakes taz-zewg roti ta' wara. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel lill-din il-Qprti tvarja jew tbiddel l-imsemmija konkluzjonijiet talk-perit tekniku;

F'dan l-istadju, pero', irid jigi konsidrat kif l-imsemmija konkluzjonijiet tal-perit tekniku jrrelataw mat-talbiet attrici;

A bazi tal-imsemmija konkluzjonijiet tal-perit tekniku ghandu jigi dikjarat li l-imsemmija difetti fil-vettura in kwestjoni sehhew meta kienet in vigore l-garanzija relattiva ta' tlett snin li eventwalment skadiet fil-11 ta' Ottubru 1997 u li l-istess vettura kellha difetti fis-sistema tal-brakes u li ddahhlet ghat-tiswija ghand is-socjeta konvenuta diversi drabi. Ghandu ukoll jigi dikjarat li fil-gurnata tal-incident awtomobilistiku tas-17 ta' Dicembru 1994 l-istess vettura in kwestjoni kienet kolpita bid-difett fis-sistema tal-brakes;

Ma jirrizultax sufficjentement pruvat, pero', li l-istess incident awtomobilistiku sehh unikament b'konsegwenza ta' dan id-difett. Dwar dan l-incident bin l-atturi xehed semplicement li huwa, meta kien qed isuq il-vettura in kwestjoni, habat ma ziemel bis-serkin u z-zimel sfratta u saret hafna hsara. L-istess xhud jghid ukoll li meta applika l-brakes, dawn ma hadmux sewwa;

Fl-opinjoni tal-Qorti dan mhux bizzejjed sabiex jista jinghad li jirrizulta li l-imsemmi incident stradali sehh minhabba l-imsemmi difett fis-sistema tal-brakes. Fir-"road accident report", li gie esibit, ma hemm xejn dwar id-dinamika ta' kif sehh dan l-incident u mill-iskizz jirrizulta biss li l-vettura in kwestjoni halliet brakes marks ta' 29 metru. Dan l-ahhar element jista jindika li l-vettura kienet qed tigi misjuqa b'velocita' eccessiva. Bin l-atturi jallega ukoll li l-hsara fil-vettura in kwestjoni telghet ghal aktar minn Lm600. F'dan ir-rigward ukoll ma ngiebu l-ebda provi in sostenn tal-imsemmija allegazzjoni ta' bin l-atturi;

In vista ta' dan kollu ma jistax jigi dikjarat li s-socjeta' konvenuta hi unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi in segwitu ghall-imsemmi incident. Konsegwentement ukoll ma jistghux jigu likwidati d-danni allegatament sofferti mill-atturi b'konsegwenza tal-imsemmi incident awtomobilistiku u lanqas ma tista issir il-kundanna ghal hlas fil-konfront tal-konvenuti. Ghalhekk it-talbiet dwar id-dikjarazzjoni ta' responsabilita' minn naha tas-socjeta konvenuta, dwar il-likwidazzjoni tad-danni u dwar il-hlas tad-danni hekk likwidati ma jitghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-ragunijiet kollha :

Tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi tddikjara u tiddeciedi illi l-karozza Hyundai Scoupe S-0021 (M) propjeta' ta' l-atturi hija taht garanzija ta' tlett snin u cioe li tiskadi fil-11 ta' Ottubru 1997; billi tiddikjara u tiddeciedi illi l-karozza Hyundai Scoupe S-0021(M) kellha difetti fis-sistema tal-brakes u li ddahhlet ghat-tiswija ghand il-konvenuti nomine divbersi drabi u billi tiddikjara u tiddeciedi illi fil-gurnata tal-incident awtomobilistiku tas-17 ta' Dicembru

1994 il-karozza numru ta' registrazzjoni S-0021(m) kienet kolpita bid-difett fis-sistema tal-brakes;

Tichad it-talbiet l-ohra kollha tal-atturi;

L-ispejjez kollha jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------